

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 7/2013**tat-8 ta' Jannar 2013**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 748/2012 jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għaċ-
ċertifikazzjoni tal-airworthiness u ambjentali ta' inġenji tal-ajru u ta' prodotti, partijiet u tagħmir
relatati, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 jeżiġi li l-prodotti, il-partijiet u t-tagħmir għandhom ikunu konformi mal-ħtiġijiet tal-protezzjoni ambjentali tal-Anness 16 għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni ta' Chicago") kif applikabbli fl-20 ta' Novembru 2008 għall-Volumi I u II, ħlief għall-Appendiċijiet tagħha.
- (2) Il-Konvenzjoni ta' Chicago u l-Annessi tagħha ġew emendati minn mindu ġie adottat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 ⁽²⁾ għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.
- (4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-Opinjoni maħruġa mill-Aġenzija skont l-Artikoli 17(2)(b) u 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 huwa emendat kif ġej:

- (1) Il-Punt 21 A.4(a) tas-Subparti A tat-Taqsima A jinbidel b'dan li ġej:

⁽¹⁾ ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 224, 21.8.2012, p. 1

“(a) Il-koordinament sodisfaċenti tad-disinn u l-produzzjoni meħtieġa minn 21 A.122, 21 A.130(b)(3) u (4), 21 A.133 u 21 A.165(c)(2) u (3) kif xieraq, u”

- (2) Il-Punt 21 A.130(b) tas-Subparti F tat-Taqsima A jinbidel b'dan li ġej:

“(b) Dikjarazzjoni ta' konformità għandha tinkludi:

1. Għal kull prodott, parti jew tagħmir dikjarazzjoni li l-prodott jew it-tagħmir ikun konformi mal-informazzjoni tad-disinn approvat, u li dak ikun f'kundizzjoni ta' tħaddim mingħajr l-ebda periklu;
2. Għal kull ajruplan, dikjarazzjoni li l-ajruplan ikun għadda mit-testijiet tal-art u tal-ajru f'konformità ma' 21 A.127(a); u
3. Għal kull magna, jew skrun b'angolu tal-qala' varjabbli, dikjarazzjoni li l-manifattur tal-magna jew tal-iskrun wettaq test finali tat-tħaddim skont 21 A.128; u
4. Barra minn hekk, fil-każ ta' magni, dikjarazzjoni li l-magna lesta hija konformi mar-rekwiżiti tal-emissjonijiet applikabbli fid-data tal-manifattura tal-magna.”

- (3) Il-Punt 21 A.165(c) tas-Subparti G tat-Taqsima A, il-punti 2 u 3 jinbidlu b'dan li ġej:

“2. Jara li prodotti, partijiet jew tagħmir ieħor ikun komplut u konformi mad-dejta tad-disinn approvata u li dawn ikunu f'kundizzjoni li jaħdmu mingħajr l-ebda periklu qabel il-ħruġ tal-Formola 1 tal-EASA biex tkun ċertifikata l-konformità mad-dejta tad-disinn approvata u l-kundizzjoni għal operazzjoni sigura;

3. barra minn hekk, fil-każ tal-magni, jara li l-magna lesta hija konformi mar-rekwiżiti tal-emissjonijiet applikabbli fid-data tal-manifattura tal-magna;

4. jara li prodotti, partijiet jew tagħmir ieħor huma konformi mad-dejta applikabbli qabel il-ħruġ tal-Formola 1 tal-EASA bħala ċertifikat ta' konformità.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Jannar 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO
